



Brussell, 19 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

15262/19

CLIMA 339
ENV 1038
FIN 837
STATIS 82
ECO 129

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	19 ta' Diċembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14905/19	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 16/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali Ewropej: l-utilità tagħhom għal min ifassal il-politika tista' tittejjeb" - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 16/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali Ewropej: l-utilità tagħhom għal min ifassal il-politika tista' tittejjeb", kif adottati mill-Kunsill fit-3741 laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Diċembru 2019.

Rapport Speċjali Nru 16/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali Ewropej: l-utilità tagħhom għal min ifassal il-politika tista' tittejjeb"

- konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tal-eżami ta' rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza¹.

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 16/2019 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali Ewropej: l-utilità tagħhom għal min ifassal il-politika tista' tittejjeb";
2. JIEĦU NOTA ta', u JILQA', il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali;
3. JIRRIKONOXXI r-rwol ewlieni tal-Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali Ewropej (EEEE) fit-tfassil tal-politika u l-importanza tagħhom bħala sors ta' informazzjoni għall-politiki ambjentali; JINNOTA li l-EEEE jiddeskrivu r-relazzjoni bejn l-ambjent u l-ekonomija, filwaqt li jippermettu lil min ifassal il-politika biex jivvaluta l-interazzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali u ekonomiċi;
4. JENFASIZZA li min ifassal il-politika jeħtieġ li jkollu aċċess għal informazzjoni aġġornata u affidabbli biex jissorvelja l-progress ambjentali lejn l-iżvilupp sostenibbli;
5. JAQBEL, għalhekk, li l-utilità tal-EEEE tista' tittejjeb f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali;
6. JINNOTA li hemm domanda kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali għal data ekonomika ambjentali integrata biex tikkontribwixxi għal diversi politiki nazzjonali u tal-Unjoni bħat-tibdil fil-klima, l-ekonomija ċirkolari, il-kapital naturali, inkluż il-bijodiversità u l-ilmijiet interni u tal-baħar, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, is-Semestru Ewropew u l-Finanzjament Ekoloġiku;

¹ 7515/00 + COR 1

7. JENFASIZZA r-rwol ewlieni tal-Istati Membri fit-tneħħija tal-lakuni fid-data; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi pprovduta gwida xierqa lill-Istati Membri u li jkun hemm kooperazzjoni bejn l-atturi involuti fil-kumpilazzjoni tal-EEEA; JIĠBED L-ATTENZJONI, f'dan ir-rigward, li, meta jkunu qed jitnaqqsu l-lakuni fid-data identifikati fir-Rapport Speċjali, għandhom jitqiesu l-ħtiġijiet u l-piżijiet tal-Istati Membri, kif ukoll ir-restrizzjonijiet tar-riżorsi tal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika;
8. JILQA' l-ħidma li diġà qed issir biex tittejjeb l-analiżi tal-ħtiġijiet tal-politika, l-iffissar tal-prijoritajiet u l-puntwalità tad-data tal-EEEA, ir-rilevanza tal-moduli tal-EEEA, kif ukoll il-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għall-Kontijiet Ambjentali; IQIS li din il-ħidma u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali jkunu ta' benefiċċju għall-Istati Membri fil-ħidma tagħhom, u b'hekk jippermettu kwalità mtejbja tal-EEEA;
9. JISTIEDEN lill-Kummissjoni timplimenta r-rakkomandazzjonijiet deskritti fir-Rapport Speċjali fi żmien l-iskadenzi ssuġġeriti.
